MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2010

Numru 767/2004

**PULIZIJA**
**SPETTUR STEPHEN J. GATT**
**VS**
**GORDON BORG**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Gordon Borg ta’ 28 sena, iben Anthony u Maria Concetta Borg, imwieled Pieta’ fis-27 ta’ Novembru, 1975, residenti 14, Triq il-Lunzjata, St. Venera u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 21776(M).

Illi huwa akkuzat talli fil-11 ta’ Mejju 2004 ghal habta tas-6:30p.m. gewwa l-Imsida:

a) Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ Ian Coleiro mis-Swieqi, f’periklu car, ikkaguna hsara fil-

gisem jew fis-sahha ta’ Ian Coleiro jew gablu disordni f’mohhu, liema offiza hija gravi li kkagunat debbulizza fis-sahha jew fil-funzjoni ta’ xi parti tal-gisem ta’ Ian Coleiro jew gabet difett permanenti f’parti ta’ l-ghamla tal-gisem jew marda permanenti tal-mohh jew gabet sfregju gravi u permanenti fil-wicc, fil-ghonq jew f’wahda mill-idejn ta’ Ian Coleiro hekk kif iccertifikaw Dr. D. Debono M.D. u Dr. Puzio M.D. ta’ l-Isptar San Luqa;

b) Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi kkaguna offiza ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Ian Coleiro mis-Swieqi hekk kif iccertifika Dr. D. Debono M.D. u Dr. Puzio M.D. ta’ l-Isptar San Luqa;

c) Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi hebb kontra il-persuna ta’ Ian Coleiro sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmillu hsara.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali (a fol.106);

Rat il-verbal datat 28 ta’ Ottubru 2009 (a fol.92) fejn l-imputat ma kellux oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni jirrizulta li fit-12 ta’ Mejju 2004, certu Ian Coleiro ta’ tmintax (18)-il sena ghamel rapport l-ghassa tal-Pulizija li kien gie aggredit mill-imputat Gordon Borg, co-student tieghu fl-Universita’, b’rizultat li l-imputat nfligga griehi ta’ natura gravi fuq l-istess Coleiro. A fol.9, Spettur Stephen Gatt, xehed illi huwa kellem lil

kwerelant li qallu illi l-argument beda minhabba xi progett illi l-istudenti kellhom jaghmlu flimkien u li Coleiro ma halliex lill-imputat inizzel l-isem tieghu fuq l-istess progett ghaliex deherlu illi l-imputat ma kienx ta s-sehem tieghu. Il-kwerelant informa lil Pulizija illi Borg tah daqqa f’wiccu u beda jtih bis-sieq fuq il-qasba ta’ siequ u tefghu ma’ l-art. Il-kwerelant Coleiro nforma lil Pulizija illi Borg kien jipprattika l-*martial arts*. Spettur Gatt xehed illi huwa kien kellem lill-imputat, li kkonferma li kien hemm dizgwit fuq dan il-progett u li Coleiro kien hareg mus u li Gordon Borg iddefenda ruhu u kien b’hekk illi l-kwerelant kien wegga. Borg informa lil Pulizija illi wara li kien iddizarma lil Coleiro, s-sitwazzjoni kienet ikkalmat u Borg ha lil Coleiro d-dar. Spettur Gatt xehed illi meta rega kellem lil kwerelant fuq l-arma, Coleiro nnega addirittura illi kellu fil-pussess tieghu xi tip ta’ mus jew sikkina. L-ewwel certifikat illi gie pprezentat lil Pulizija kien fis-sens li l-kwerelant kellu griehi ta’ natura hafifa *save complications* (ara certifikat ta’ Dr. Denise Debono – Dok.SG5 a fol.23 u dak ta’ Dr. Anthony Fenech a fol.24) izda rrizulta mic-certifikat mediku ta’ Dr. George Puzio, l-griehi ta’ Ian Coleiro kienu ta’ natura gravi stante’ illi kellu diversi fratturi fl-ghadma ta’ l-imnieher u devjazzjoni tal-“nasal dorsum” li kienet tirrikjedi intervent kirurgiku (ara Dok.SG3 a fol.18). Jirrizulta, pero’ illi l-perijodu ta’ fejqan giet stipulata ghal perijodu massimu ta’ tlett (3) gimghat. Minkejja illi saret l-ewwel operazzjoni kirurgika, iddevjazzjoni fl-ghadma ta’ l-imnieher baqghet persistenti u ghaldaqstant Coleiro kien jirrikjedi operazzjoni ohra.

Ian Coleiro, fix-xhieda tieghu (a fol.26 et sequitur) ikkonferma x-xhieda ta’ l-Ufficjal Prosekutur u qal illi kien qieghed fuq l-*istage* hdejn l-Universita’, meta gie l-imputat u tah daqqa ta’ ponn minn naha tal-lemin u laqtu f’imniehru u f’ghajnejh u spicca fl-art, kif ipprova jqum, l-imputat beda jigriflu wiccu. Illi wara illi rnexxielu jqum, l-imputat tah gambetta u baqa’ miexi ‘l quddiem. Ian Coleiro xehed illi huwa ghajjatlu u tallbu biex jghati spjegazzjoni ghal-eghmil tieghu u l-imputat qallu:

*“Lili gibtni dari mal-hajt.”*

Coleiro xehed illi kien hemmhekk illi huwa fehem illi l-agir ta' l-imputat kien a kawza ta' progett fejn kienu jahdmu flimkien bhala grupp izda l-imputat ma kienx ta s-sehem tieghu u ghaldaqstant huwa ma halliex lill-imputat inizzel ismu fuq dan il-progett (ara xhieda a fol.29 u 30). Coleiro xehed illi l-imputat imbaghad kien hadu sad-dar tieghu u li omm l-imputat bdiet tghidlu li ma kellu xejn u li kellhom jaghmlu hbieb. Meta wasal id-dar tieghu, l-genituri tieghu kienu haduh l-isptar u ssussegwentement mar l-Ghassa ta' San Giljan biex jaghmel rapport izda qalulu li kellu jmur l-Ghassa ta' l-Imsida. Coleiro jinnega illi f'dan l-incident huwa kellu fil-pussess tieghu xi arma u jghid illi:

*"Le ma kelli xejn hlief il-basket u l-affarijiet ta' l-iskola tieghi ghax kont ghadni kif gej lura mill-Universita'."* (ara fol.27)

A fol.28, Coleiro jikkonferma illi wara illi ghamel l-ewwel operazzjoni f'imniehru, imniehru baqa' mghawweg u kien jehtieg li ssir it-tieni operazzjoni. Coleiro ezebixxa ghaxar (10) ritratti (Dok.SG1 sa Dok.SG10) illi juru devjazzjoni f'imniehru.

John Coleiro (a fol.31 et sequitur), missier Ian Coleiro, ikkonferma illi huwa kien gibet ir-ritratti (Dok.SG1 sa Dok.SG10).

PS 1373 John Micallef (a fol.36) ikkonferma r-rapport li ghamel il-kwerelant Ian Coleiro u l-verzjonijiet ta' l-imputat u dik ta' Ian Coleiro illi nnegga kategorikament illi huwa kellu fil-pussess tieghu xi pen knife. Ezebixxa Dok.PS (a fol.39 et sequitur) l-okkorrenza ta' dan l-incident.

Dr. Herbert Borg Xuereb, kirurgu f'St. Luke's Hospital, ikkonferma l-intervent illi kien wettaq hu, fuq Ian Coleiro, sabiex iqighed l-imnieher f'postu minhabba illi kien hemm devjazzjoni ta' l-imnieher lejn in-naha tax-xellug. Illi f'din l-operazzjoni, d-devjazzjoni ta' l-imnieher ma gietx eliminata kompletament u ghaldaqstant huwa kien ta parir lil Coleiro illi jistennew sena halli jergghu jaraw ghandhomx jaghmlu operazzjoni ulterjuri. Dr. Borg Xuereb ikkonferma c-certifikat tieghu (Dok.SG4 a fol.22)

Dr. Denise Debono (a fol.51) ikkonfermat li kienet ezaminat lill-kwerelant fil-*Casualty Unit,* f'St. Luke's Hospital, datata 11 ta' Mejju 2004, u sabet illi kellu ksur fl-ghadma ta' l-imnieher, tbengil fuq ghajnejh il-leminija u grif fuq wiccu u fuq idejh u rriferietu ghand specjalista'. Dr.Debono kkonfermat certifikat Dok.SG5 bhala certifikat mahrug minnha.

PS 909 Paul Buhagiar xehed illi l-imputat kien ghamel storbju shih fl-Ghassa tal-Pulizija fit-29 ta' Ottubru 2004 u li beda jallega illi l-Ispettur Gatt kien xehed fil-falz u li kien ser jara li jitkecca minn fuq ix-xoghol (ara xhieda a fol.84).

Dr. Anthony Fenech ikkonferma c-certifikat (li jinstab a fol.20 tal-process) u li rrefera lil pazjent (Ian Coleiro) ghal ENT Outpatients u li effettivament imbaghad kien rah Dr. Puzio, li kkonferma li l-pazjent kellu frattura fl-ghadma ta' l-imnieher. Dr. Fenech ikkonferma illi l-frattura fl-ghadma ta' l-imnieher kienet ikklassifikat bhala gravi per durata (ara xhieda a fol.94). Dr. Fenech ikkonferma illi l-kwerelant, fit-2001, kien ghamel intervent kirurgiku u cioe "rhynoplasty" u dana sabiex titranga l-ghadma ta' l-imnieher. Huwa xehed illi din l-operazzjoni ma ssirx ghal ragunijiet kosmetici izda sabiex tizblokka s-*synosis* ta' l-imnieher u tigi ddrittata s-"septum" ta' l-imnieher. Muri r-ritratti Dok.SG1 sa Dok.SG10, Dr. Anthony Fenech ikkonferma li l-imnieher ta' Coleiro kien *displaced*.

Mario Said, permezz ta' l-affidat Dok.MM (a fol.105), ikkonferma illi huwa ma kienx ezamina lil kwerelant.

Gordon Borg (a fol.112) xehed illi dak iz-zmien ta' l-incident huwa kien student Universitarju kif kien il-kwerelant. Ikkonferma illi kien inqala' dizgwit bejnu u bejn il-kwerelant, fuq progett illi l-istudenti kellhom iwettqu. L-imputat xehed (a fol.112-113) is-segwenti:

*"Ahna filli konnha qeghdin nitkellmu, wasalna hdejn il-bus stop, u qabad u tefani go l-bus stop, xejjirli daqqa ta' ponn u f'dawk ic-cirkustanzi jien meta*

*kompla beda jaghti, ma kellix alternattiva ohra imma li niddefendi ruhi hu."*

Mitlub jghid b'liema manjiera ddefenda ruhu, l-imputat xehed illi huwa qala daqqa ta' ponn mill-imputat li laqtitu go haddejh, ghalkemm prova jimblokkah. Imbaghad, meta l-kwerelant kompla jagredixxi lill-imputat:

*"Ifhem, kelli niddefendi daqsxejn ruhi hu, tajtu daqqa ohra jigifieri."* (ara xhieda fol.113)

L-imputat ikkonferma illi l-kwerelant wegga mniehru u nsabat ma' l-art. A fol.114, l-imputat xehed illi huwa kien qed jaghmel progett ma' grupp ta' studenti iehor, izda telaq dan il-grupp il-ghaliex ma kienux jirsistu. Huwa allega illi membri ta' dan il-grupp xewxu lil Ian Coleiro kontra tieghu u li kien ghalhekk illi Ian Coleiro ma halliehx jiffirma fuq il-progett Universitarju. L-imputat xehed illi Coleiro qabdu u tefghu gol-*bus stop* u tah daqqa ta' ponn bla kliem u bla sliem. Illi wara li ggieldu:

*"F'daqqa wahda ghamilna hbieb, isma jekk trid nihdok bil-karozza tieghi, inwasslek."* (ara xhieda fol.115)

L-imputat ftakar (a fol.115) illi l-kwerelant kien ukoll heddu b'mus, bil-kliem:

*"Xeba mus trid."* (ara fol.115)

Waqt illi kienu mexjin lejn il-karozza, il-kwerelant beda jghidlu kliem ta' sfida u li ried jiggieled mieghu halli jkun jista' jigbor giehu. A fol.116, l-imputat jghid illi huwa hadu ghand ommu, fejn kien hemm ukoll zitu, offrewlu x'jixrob u rega' sfidah ghal glied. Kien hemmhekk ukoll illi qallu illi kien diga' sar intervent kirurgiku fuq imniehru. L-imputat xehed illi meta ommu semghat l-isfida ghal glied, kienet qalet lill-imputat biex iwasslu d-dar u akkompanjathom biex tara li ma jinqalawx problemi. Illi waqt illi kienu d-dar, il-kwerelant hareg il-mus u qallu:

*“Trid intik xi rigal?”*

L-imputat xehed illi llum il-gurnata ggradwa u sab xoghol. Giet moqrija l-istqarrija ta’ l-imputat. Ikkonfermaha u ccara l-fatt illi huwa kellu biss jumejn sabiex ismu jidher fuq il-progett tal-grupp ta’ Ian Coleiro. Ikkonferma illi hu ma kienx lesta xoghol mal-grupp ta’ Coleiro u li l-*lecturer* kien qallu li seta’ jaghmel il-progett wahdu izda ma kienx hemm cans bizzejjed biex jaghmel dan fi zmien jumejn. L-imputat innega illi kien hu li aggredixxa lil kwerelant. A fol.121, l-imputat ta deskrizzjoni tal-mus illi urieh Coleiro. A fol.122, l-imputat jghid illi hu kien jipprattika l-*martial arts* meta kellu bejn *seventeen u twenty one* (17-21). L-imputat xehed illi Coleiro kien ta’ l-istess statura tieghu. A fol.124, l-imputat jghid illi, minkejja illi kien istruwit fil-*martial arts* huwa xorta kien imbezza meta Coleiro tefghu fuq il-*bus stop* u tah daqqa ta’ ponn u heddu bil-mus:

*“Meta wassaltu d-dar tieghu.”* (ara xhieda a fol.124)

Mary Borg (a fol.128), omm l-imputat, ikkonfermat illi dakinhar ta’ l-incident, binha l-imputat u Ian Coleiro kienu waslu d-dar, illi kellhom xi jghidu minhabba li Coleiro ma kienx nizzel isem binha fuq xi progett ta’ l-Universita’. Ikkonfermat illi waqt id-diskursata Coleiro kien qal illi fil-passat kellu incident fejn kien kiser imniehru diga’. Illi ftit wara kienu trangaw u kkwitaw l-affarijiet. Mary Borg xehedet illi l-kwerelant ma kellu ebda ferita f’wiccu u lanqas dmiegha.

Gie ezebit *reference* minn Dr. John Schembri (a fol.133).

Ikkonsidrat:

Illi mix-xhieda prodotta f’dan il-kaz, din il-Qorti tifhem illi l-verzjoni li ta l-imputat m’hijiex kredibbli u ma ghandiex mis-sewwa u li l-verzjoni ta’ Ian Coleiro hija dik illi hija affidabbli u timmerita kredibilita’. Dan qieghed jinghad il-

ghaliex jidher bic-car illi l-imputat, waqt illi kien student fl-Universita’, kien iddecieda illi jitlaq mill-grupp tieghu ftit zmien qabel ma kellhom jipprezentaw il-progett lil *lecturer* taghhom u pprova jidhol fi grupp iehor. Jirrizulta illi f’dan it-tieni grupp, l-imputat kien semplicement, saqhom bil-karozza tieghu sabiex jaghmlu xi *field work*, izda ma kienx ta sehem attiv ghal twettieq u formulazzjoni tal-progett. Illi din kienet ir-raguni principali il-ghaliex Ian Coleiro deherlu illi ma kellux inizzel isem l-imputat fil-prezentata tal-progett. Illi din kienet ir-raguni il-ghaliex l-imputat kien inkorlat u meta ltaqa’ ma’ Coleiro hdejn ir-*round-a-bout* ta’ l-Universita’ capcaplu daqqtejn ta’ ponn bil-konsegwenza illi mnieher Coleiro sofra minn fratturi multipli. Illi l-Qorti rat u ezaminat l-evidenza medika u taqbel perfettament max-xhieda ta’ Dr. Anthony Fenech fil-klassifika ta’ griehi ta’ natura gravi, mhux biss il-ghaliex, frattura ta’ ghadma li solitu tfieq fi zmien oltre’ minn tletin gurnata izda, f’dan il-kaz u b’mod specjali, l-griehi illi safa Coleiro kienu jehtiegu zewg interventi kirurgici il-ghaliex l-ghadma ta’ l-imnieher ta’ Coleiro kienet *displaced to the left*. Il-Qorti, wara li rat ir-ritratti Dok.SG1 sa Dok.SG10 taghraf illi l-griehi tal-kwerelant jikkostataw sfregju fil-wicc ai termini ta’ l-Artikolu 216 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Dan gie pjenament konfermat mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali per l-Onor Prim Imhallef Dr. Vincent De Gaetano fil-kawza **Il-Pulizija vs. Fortunato Sultana** deciza fil-5 ta’ Frar 1998 fejn gie konstatat:

***“Mir-ritratti ezebiti u li ttiehdu ftit hin wara l-incident meritu ta’ l-akkuza, jirrizulta bl-aktar mod car li dana Curmi soffra offizi ta’ natura gravi fit-termini ta’ l-Artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali. Skond din id-disposizzjoni, l-offiza fuq il-persuna hi gravi jekk, fost cirkostanzi ohra, iggib sfregju fil-wicc. Il-Ligi ma tirrikjedix li dana l-isfregju jipperdura ghal xi zmien partikolari, sfregju fil-wicc (jew fl-ghonq jew f’wahda mill-idejn) anke ta’ ftit granet jibqa’ sfregju ghal finijiet ta’ l-imsemmija disposizzjoni, il-permanenza ta’ l-isfregju hi relevanti biss meta, abbinata mal-gravita’, taghti lok ghal hekk imsejjha***

***"Offiza gravissima" skond l-Artikolu 218(1)(b) tal-Kodici Kriminali."***

Illi din il-Qorti ma kellhiex evidenza medika illi twassal il-Qorti biex tafferma illi dawn il-griehi illi safa Coleiro jikkonstataw sfregju ta' natura permanenti ai termini ta' l-Artikolu 218 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-ghaliex il-kwerelant kien ghad irid jaghmel it-tieni operazzjoni sabiex tigi rettifikata t-tghawwig fl-imnieher illi jxaqleb ghan naha tax-xellug. It-tobba illi xehedu f'dan il-kaz, lanqas ma ddeponew fis-sens **illi kien probabbli** illi dan id-*displacement* ta' imnieher Coleiro kien ser jibqa' permanenti.

Illi, ghal kuntrarju ta' dak illi tissolleva d-Difiza, il-griehi ta' Coleiro ma jistghu qatt jigu kklassifikati bhala griehi ta' natura hafifa. Illi lanqas ma tista' tigi akkolta l-eccezzjoni ta' legittima difeza sollevata mill-imputat, il-ghaliex mhux biss ma giex ipprovat mill-imputat illi difesa legittima kienet necessarja il-ghaliex l-aggressjoni kienet gravi, ingusta u imminenti izda din il-Qorti taghraf li kien l-istess imputat illi kien l-aggressur fil-glieda illi sehhet u mhux vice versa. Din il-Qorti, di piu', ma ssib ebda kredibilta' fil-verzjoni ta' l-imputat li jghid illi Coleiro heddu bil-mus u li urihulu meta kienu d-dar tieghu. Din il-Qorti taghraf illi Coleiro qatt ma kellu mus u li Gordon Borg, fix-xhieda tieghu, b'mod specjali, b'referenza ghal mus, tant jaghti verzjonijiet differenti ta' meta fil-fatt gie muri dan il-mus illi l-verzjoni tieghu hija prattikament redikola u patetika.

Din il-Qorti, f'dan l-istadju ma tistghax ma taghmilx accenn ghax xhieda ta' omm l-imputat, illi ma tista' tinghata ebda valur jew pis. Illi Mary Borg, hija t-tip ta' omm, illi kull haga li jaghmel binha huwa ben fatt u minflok ma tezigi dixxiplina tara kif taghmel biex tghatti eghmil binha b'kull mod li jkun.

Il-Qorti taghraf ukoll illi l-imputat kien persuna mharrga fil-*martial arts* u certament ma setghax jigi meghlub b'biza' minn persuna ta' statura ferm irqaq minnu u wiehed illi m'huwiex imharreg fil-glied. In oltre', l-istharrig fil-*martial arts* kienet ukoll tikkontribwixxi ghal manjiera illi biha

Coleiro gie msawwat bil-konsegwenzi illi sarfu fi fratturi multipli f'imnieher Coleiro.

Illi ghal dawn il-motivi, l-Qorti ssib lill-imputat Gordon Borg, hati ta' l-ewwel (1) akkuza u cioe ta' griehi gravi per durata u sfregju, pero' mhux b'konsegwenza ta' sfregju permanenti; mhux hati tat-tieni (2) akkuza stante' illi hija sussidjarja ghal-ewwel (1) akkuza; hati tat-tielet (3) akkuza li hija assorbita ghal fini ta' piena fl-ewwel (1) akkuza u wara li rat Artikoli 216(1)(b), 216(1)(d), 28A u 339(1)(e) tal-Kap.9, tal-Ligijiet ta' Malta, **tikkundanna lill-imputat ghal sentejn prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin.**

Din il-piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatti spece tal-kaz u il-fedina penali ta' l-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------